**28 ta' Settembru, 1963**

**Imħallef:**

**Onor. W. Harding, C.B.E., K.H., B.Litt., LL.D.**

Emanuele Mifsud

*versus*

Giuseppe u Mario sive Marozz aħwa Fsadni

**Kontumaċja — Sede Inferjuri — Kapitolu — Nuqqas ta' Dehra — Ġustifikazzjoni.**

*In-nuqqas tal-konvenut li jidher meta msejjaħ għas-subizzjoni quddiem Qorti Inferjuri hija biss ġustifikabbli meta tkun kawżata minn żball invinċibbli.*

Il-Qorti, rat it-talba tal-attur għal kundanna tal-konvenuti sabiex jiżgumbraw mill-fond nru. 29, Triq San Benedittu, Ħal Qormi, billi huma qegħdin jokkupawh bla titolu. Bl-ispejjeż u bl-ingunzzjoni għas-subizzjoni.

Rat is-sentenza tal-Qorti Ċivili tal- Maġistrati ta' Malta tal-ewwel (1) ta' Awissu, 1963, li biha laqgħet it-talba tal-attur, u tat lil konvenuti żmien xahar għall-iżgumbrament, bl-ispejjeż.

Rat *in-nota* tal-appell tal-konvenuti, u ċ-ċitazzjoni tagħhom, *li* biha talbu r-revoka ta' dik *is*-sentenza bl-ispejjeż;

Trattat l-appell.

Ikkunsidrat:—

Is-sentenza ngħatat in bażi għal preżunta konfessjoni tal-materja kapitolata riżultanti mill-kontumaċja taż-żewġ konvenuti għal kapitolu lilhom deferit in subizzjoni. Għalhekk, qabel xejn, jeħtieġ li jiġi eżaminat jekk kienx hemm, kif qegħdin jallegaw il-konvenuti appellanti, ġusta kawża għan-nuqqas ta' komparizzjoni tagħhom għas-subizzjoni, sabiex f'kas affermattiv, ikunu jistgħu jiġu restitwiti **in integrum** kontra dik il-konfesjoni *preżunta*.

Ikkunsidrat:—

Dwar din il-materja l-ġurisprudenza nostrali hi paċifika u kostanti. Fis-sentenza ta' din il-Qorti, riportata fil-Vol. XXIX — i — paġ. 159 — l-Imħallef sedenti eżamina **funditus** il-

ġurisprudenza sa dak iż-żmien, mill-elf, tmien mija u sittin, — vuoldire kważi mitt sena ilu. In bażi għal dik il-ġurisprudenza ġew riassunti l-prinċipji regolaturi, fosthom illi ma jistax ikun hemm ġustifikazzjoni jekk il-kontumaċja tkun kolpusa, u li kwalunkwe allegat impediment ma għandux jiġi ritenut leġittimu jekk kien jidderiva min żball li kien vinċibili. Din is-sentenza, riassuntiva ta' dawk ta' qabel ingħatat mill-Imħallef sedenti fl-1937, u sal-lum il-ġurisprudenza baqgħet dejjem l-istess, kif jista' jidher mis-sentenzi, fost oħrajn, stampati fil-Vol. XXXIII — 1 — 830; XXXV — 1 — 323; XXXVI — i — 384, u 388, — dan apparti s-sentenzi reċenzjuri li ngħataw sal-lum, u li però għad ma ġewx stampati.

Din il-Qorti, kif jidher minn każijiet oħra wkoll stampati, akkoljiet il-ġustifikazzjoni biss meta kien hemm xi kawża dovuta għal żball invinċibbli, — per eżempju (ara ġurisprudenza passim) — f'każ li fih id-difensur kien qal lil klient li seta' jmur mill-Qorti — jew f'każ fejn id-difensur qallu d-data ħażina biex jidher il-Qorti — jew f'każ fejn l-avviż kien ġie konsenjat lil mart il-konvenut, u din nesiet tatihulu jew tgħidlu bih — Fil-każ preżenti donnu li d-difensur tal-appellanti fit-trattazzjoni kien qed jinvita lill-Qorti sabiex tikkunsidra xi rilassament ta' din il-ġurisprudenza. L-Imħallef sedenti li dejjem segwiha fis-sentenzi tiegħu f'din il-Qorti, jirritjeni dik il-ġurisprudenza ġuridikament sana u korretta — dan apparti li, għalkemm il-prinċipju "stare decisis" ma hux assolut fis-sistema legali Malti fis-sens li Qorti tista' tiddiskosta ruħha mill-ġurisprudenza jekk tħoss motiv gravi biex tagħmel hekk, eppure meta hemm ġurisprudenza konkordi u diuturna għal perjodu hekk twil, formata min deċiżjonijiet ta' Imħallfin diversi, tirrendi ruħha mperjusa l-massima legali enunċjata mir-Rota Romana — "minime sunt mutanda quae interpretationem certam semper habuerunt" — Daqstant tesiġi li stabilità tal-ġurisprudenza fl-interess ġenerali;

Ikkunsidrat:—

Kwantu għal **fatti** ta' dan il-każ, il-Qorti tirritjeni, in bażi għal **provi mismugħa**, li verament l-appellant Giuseppe Fsadni kien fl-edifiċċju tal-Qorti tal-ewwel istanza, *dik in-nhar tal-ewwel appuntament tal-kawża*, qabel il-ħin preskritt, ċioè qabel id-disa' ta' fil-għodu — infatti, kien hemm fit-tmienja u nofs. Hu qagħad bil-qegħda jistenna fuq bank li kien fl-ispeċji ta' poġġatur bejn indana taraġ u oħra. Hu jgħid li mbagħad aktar tard semgħa l-kawża tissejjaħ, ħaseb, bi żball, li kienet *qegħda tissejjaħ fil-pjan ta' isfel minflok ta' fuq* u għalhekk niżel isfel, u x'ħin irritorna fuq, sab il-kawża ġa maqtugħa. Din il-Qorti, fuq l-isfond tal-kompless taċ-ċirkostanzi u tal-provi, ma hijiex inklinata li taċċetta din il-versjoni tal-appellant Giuseppe Fsadni. Ġaladarba, hu mar fit-tmienja u nofs, hu ferm inverosimili li ma staqsiex *fejn isiru* l-kawżi u, jekk staqsa, u għalhekk kien jaf, allura ma kellux għalfejn jiżbalja u jinżel, f'lok jitla' t-taraġ. Jekk invece, contuttoke li kien ilu hemm mit-tmienja u nofs, hu ma ħax ħsieb jistaqsi, allura din kienet negliġenza tiegħu, u min jallega l-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja ma għandux ikun **in kolpa**. Lanqas hu veru simili li żbalja **mnejn** issejħet il-kawża, —din ma kienitx xi kelma waħda, li ntqalet b'xi vuċi baxxa, — imma kienet il-vuċi tal-purtir tal-Awla, li, b'liġi (art. 196 Kod. Proċ. Ċiv.) għandu jsejjaħ **b'vuċi għolja** l-isem **għal tliet darbiet**, barra mill-Awla, u **f'dan il-każ** kellhom jissejħu żewġ konvenuti għas-subizzjoni. Il-verità aktarx hija li dan l-appellant, malli ssejħet il-kawża niżel **biex ifittex l-Avukat** li telgħa ftit wara. Issa kontumaċja simili hi **kolpusa**, għaliex ma kien hemm ebda ċirkostanza li kienet qeda timpedixxi li dan appellant milli jidher u li kienet **indipendenti mill-volontà tiegħu**. Jekk staqsa, kien jaf fejn kienu qegħdin isiru l-kawżi u ma kienx imissu allontana ruħu, — jekk ma staqsiex, **imputet sibi** — jekk mar għal Avukat din hija ċirkostanza li diġa, min żmien, il-ġurisprudenza riportata fit-tielet sezzjoni tal-Parte Prima tal-Vol. XXVI

— paġ. 381, fejn il-konvenut kien allontana ruħu għaliex "si era recato a cercare del Dottor Harding, ed e questa la vera ragione del suo ritardo......"

L-Avukat Dottor Cassar, difensur tal-appellanti, qal fix-xhieda tiegħu illi, peress li hu ma hux dejjem żgur li jkun jista' jattendi fil-Qorti Inferjuri għat-temp biex, qabel ma tibda s-seduta, iqiegħed l-inizzjali tiegħu jew ismu, f'sens ta' kontestazzjoni (ara għal din il-praxis tal-Qrati Inferjuri is-sent. Vol. XXXVI — i — 385), għalhekk hu jieħu, enkomjabilment, ħsieb li javża lil klient biex jidher fil-ħin, sabiex żgur ikun hemm il-klient. Il-konvenut Giuseppe Fsadni għalhekk ma setax ma jkunx jaf kemm kien meħtieġ li, meta tissejjaħ il-kawża, jidher hu personalment.

Għalhekk, din il-Qorti ma tirritenix ġustifikata l-kontumaċja ta' Giuseppe Fsadni.

Ikkunsidrat:—

Iżda l-Qorti għandha wkoll teżamina jekk kinitx ġustifikata l-kontumaċja tal-appellant l-ieħor Mario sive Marozz Fsadni. Infatti, il-fatt ta' nuqqas ta' komparizzjoni ta' appellant wieħed u ta' l-ieħor huwa xindibili, (ara. mill-art. 702 (4) Kod. Proċ. Ċiv.).

Issa, jiriżulta mix-xhieda tal-appellant Giuseppi Fsadni li l-appellant l-ieħor, li jiġi ħuh, u li jikkoabita miegħu, jsofri b'marda, serja u affliġenti, u li dik in-nhar hu ma setax joħroġ mid-dar, u fil-fatt ma ħariġx. L-appellant Mario Fsadni xehed ukoll f'dan is-sens. Din ix-xhieda hi korroborata miċ-ċertifikat mediku esibit in atti mit-tabib li ġie konfermat bil-ġurament fis-seduta tal-lum.

Issa dan hu ċertament impediment leġittimu, kif jidher mhux biss mix-xorta stess tiegħu, imma anki mill-fatt li l-liġi stess, meta l-konvenut ikun inkapaċi li jidher fil-Qorti tiddisponi li s-subizzjoni għandha tiġi deferita quddiem Imħallef Supplenti fir-residenza tiegħu. (Art. 706 Kod. Proċ. Ċiv.). Għalhekk, il-kontumaċja tal-appellanti Mario sive Marozz Fsadni kienet ġustifikata, u ma hemmx għalhekk di fronti għalih, l-ostakolu tal-konfessjoni preżunta. Xejn ma jimporta li l-appellant Giuseppe Fsadni soltu jinkarika ruħu hu bl-affarijiet tiegħu u ta' ħuh, għaliex ma hux ġuridikament ammess li persuna preżenti f'Malta tiġi rappreżentata min mandatarju f'ġudizzju hawn Malta.

Għal dawn ir-raġunijiet

Tiddeċiedi:—

Billi tiddikjara, fil-konfront tal-appellant Giuseppe Fsadni, mhux ġustifikata l-kontumaċja tiegħu fl-ewwel istanza, u li għalhekk għadha veljanti kontra tiegħu l-konfessjoni preżenti tal-materja kapitolata li tirrendi, f'dan is-sens, mhux ammissibili l-appell tiegħu, u għalhekk tikkonferma, fil-konfront tiegħu, is-sentenza appellata, fl-ispejjeż kontra tiegħu;

Billi fil-konfront tal-appellant l-ieħor Mario sive Marozz Fsadni tiddikjara ġustifikata l-kontumaċja tiegħu fl-ewwel istanza, tiddikjara għalhekk li ma hijiex aktar ostantiva l-konfessjoni preżunta tiegħu, li hi eliminata, u tordna per konsegwenza t-trattazzjoni tal-kawża fil-meritu fil-konfront ta' dan l-appellant. L-ispejjeż f'dan il-konfront jibqgħu riservati għal meritu.